# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2019**

**Numru 1**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 66/2015/1 SM**

**Saviour Micallef u Antoinette Micallef**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali u *Bank of Valletta p.l.c.***
**għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fl-14 ta' Marzu 2018 li biha ġew miċħuda t-talbiet kollha tagħhom għaliex il-qorti sabet illi fil-proċeduri fl-atti tal-bejgħ *sub hasta* numru 82/09 fl-ismijiet *Bank of Valletta p.l.c. v.* Saviour Micallef *et* – li permezz tagħhom inbigħu żewġ proprjetajiet tal-atturi – kif ukoll fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet Saviour Micallef *et v. Bank*

*<u>of Valletta p.l.c.</u>* – li naqset milli tħassar dak il-bejgħ – ma kien seħħ ebda ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u lanqas tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [l-Ewwel Protokoll].

*2.* Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi r-rikorrenti ngħataw faċilitajiet bankarji mill-bank intimat kemm f'isimhom proprju u f'isem *The Veg Point Limited* sa mill-1996;
>
> »Illi r-rikorrenti waqgħu lura fil-pagamenti minnhom dovuti lill-bank intimat;
>
> »Illi permezz ta' kuntratti datati l-1 ta' Diċembru 2006 ir-rikorrenti ikkostitwew irwieħhom veri, ċerti, likwidi debituri tal-bank intimat;
>
> »Illi *nonostante* li l-bank intimat interpella lir-rikorrenti permezz t'ittra uffiċjali datata t-23 t'April 2008, lilhom notifikata fit-30 tal-istess xahar, biex jeffettwaw il-pagamenti minnhom duvuti, dawn baqgħu inadempjenti;
>
> »Illi konsegwentement il-bank intimat kien kostrett jibda l-proċedura tas-*sub hasta* fis-26 ta' Novembru 2009 (ara l-atti tas-*sub hasta* fl-ismijiet <u>*Bank of Valletta p.l.c. v.* Saviour Micallef *et*</u>, numru 82/09);
>
> »Illi *di più* jirriżulta li ttieħdu proċeduri ta' natura kriminali kontra r-rikorrenti Saviour Micallef rigwardanti irregolaritajiet li seħħew fid-Dipartiment tal-*V.A.T.*;
>
> »Illi fil-kors tal-istess proċeduri fuq indikati ttieħdu proċeduri oħra fil-konfront tal-istess rikorrenti Saviour Micallef rigwardanti ħasil ta' flus, frodi, korruzzjoni, *trading in influence*, dikjarazzjonijiet foloz, u akkużi oħra relatati mal-*V.A.T.*;
>
> »Illi in vista tal-istess b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, datat id-9 ta' Settembru 2009, inħareġ ordni ta' iffriżar kontra l-istess rikorrenti Saviour Micallef *ai termini* statutorji hemm indikati;
>
> »Illi fis-26 ta' Novembru 2009 il-bank intimat kien kostrett jiftaħ proċeduri tas-*sub hasta* kontra r-rikorrenti *stante* li dawn baqgħu qatt ma ħallsu l-ammont minnhom lilhu dovut;
>
> »Illi l-bejgħ bis-*sub hasta* ġie appuntat u konkluż fit-23 ta' Marzu 2010;

»Illi l-bank intimat tefa' l-ogħla offerta *animo compensandi* għad-dar u għalqa proprjetà tar-rikorrenti li għalhekk ġew liberati favur tal-istess bank;

»Illi minkejja tali liberazzjoni l-proprjetajiet indikat fil-paragrafu preċedenti baqgħu jiġu okkupati mill-istess rikorrenti – għalkemm issa mingħajr titolu;

»… … …

»Illi fis-7 t'April 2010 il-bank intimat kien kostrett jintavola mandat ta' żgumbrament fil-konfront tar-rikorrenti;

»Illi rinfaċċati bis-suespost ir-rikorrenti aderew [*sic*] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fl-4 t'Ottubru, 2011, biex jattakkaw il-bejgħ *sub hasta* in kwistjoni, liema proċedura ġiet finalment determinata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Mejju 2015 (… ċitazzjoni numru 370/2010 fl-ismijiet Saviour Micallef *et v. Bank of Valletta p.l.c.* annessi mall-atti tal-proċedura odjerna), li issa għaddiet in ġudikat;

»Illi konsegwenza tal-istess proċeduri indikati fil-paragrafu preċedenti l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti odjerni kienu puntwalment respinti;«

3. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti taqta' u tiddeċiedi li:

»1) il-bejgħ fl-irkant tal-propjetajiet hawn fuq imsemmija tal-esponenti milquta b'ordni ta' friżar, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015 li naqset milli tinnega tali bejgħ, jammontaw għal interferenza fid-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà tal-esponenti in vjolazzjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea;

»2) il-bejgħ fl-irkant tal-proprjetajiet hawn fuq imsemmija tal-esponenti milquta b'ordni ta' friżar, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015 li naqset milli tinnega tali bejgħ, jammontaw għal vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem hekk maħsub f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»3) għalhekk, tannulla, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell u tinnega l-bejgħ fl-irkant b'tali mod illi l-esponenti jitpoġġew *f'status quo ante* ta' qabel ma seħħet il-vjolazzjoni;

»4) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà li għalih huma intitolati l-esponenti, inkluż iżda mhux limitat għal-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' ammont ta' kumpens rappreżentanti danni għall-vjolazzjoni imsemmija.«

4. Is-soċjetà konvenuta *Bank of Valletta p.l.c.* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. illi, preliminarjament, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, *stante* illi huma frivoli u vessatorji, ġjaladarba, kif ser jiġi hawn taħt elenkat, il-fatti l-anqas biss jagħtu lok għal xi lanjanza ta' natura kostituzzjonali.

»2. illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti umilment jissottomettu illi għandhom jiġu allegati l-atti tal-kawża deċiża mill-onorabbli Qorti tal-Appell, fid-29 ta' Mejju 2015 – ċitazzjoni numru 370/2010 fl-ismijiet Saviour u Antoinette konjugi Micallef *v. Bank of Valletta p.l.c.*.

»3. illi l-esponenti umilment tissottometti illi l-anqas ħaġa li kien mistenni mir-rikorrenti huwa illi huma jesponu il-fatti kif effettivament seħħew u mhux kif żbaljatament riportati, speċjalment fir-rigward ta' kronoloġija mill-istess rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom. Għalhekk, l-esponenti tħossha fid-dover illi telenka il-fatti saljenti li sintetikament wieħed jista' jiġborhom f'li ġej:

»(i) ir-rikorrenti ngħataw faċilitajiet bankarji sa mis-snin 1996, kemm f'isimhom proprju kif ukoll għan-nom tal-kumpanija tagħhom *The Veg Point Limited*;

»illi sussegwentement ir-rikorrenti waqgħu lura serjament fil-pagamenti, u dan għal numru ta' snin qabel is-sena 2006, tant li fis-sena 2006 l-istess rikorrenti ikkostitwew rwieħhom veri, ċerti, likwidi debituri tal-bank esponent fis-somma ta' mija u erbgħa u tletin elf, disa' mija u ħamsa u sebgħin liri Maltin u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm134,975.55), ekwivalenti għal tliet mija u erbatax-il elf, erba' mija u tmien euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€314,408.45), u tmienja u għoxrin elf, tliet mija u disgħa u sebgħin liri Maltin u tmintax-il ċenteżmu (Lm28,379.18) ekwivalenti għal €66,105.71 salv imgħaxijiet mis-sena 2006 sal-jum tal-effettiv pagament kif aħjar jirriżulta mill-kopji tal-istess żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu … B'kollox għalhekk id-debitu tal-intimati fis-sena 2009 meta saret is-*sub hasta* kien joltrepassa s-somma ta' ħames mitt elf euro (€500,000) u għalhekk bil-bosta aktar mill-valur tal-proprjetà in *sub hasta* kif dikjarat mir-rikorrenti u *cioè* fis-somma ta' €335,000. Ta' min isemmi wkoll li, wara l-istess kostituzzjoni ta' debitu fis-sena 2006, il-bank issaporta u stenna lill-istess rikorrenti biex iħallsu lura d-debitu tagħhom għal xejn anqas minn sentejn, u kien biss fit-23 ta' April 2008, wara li naturalment il-bank ra li, minkejja li ta żmien biżżejjed biex isir il-ħlas, ir-rikorrenti baqgħu ma ħallsux, illi l-istess bank għadda biex għamel l-ittra uffiċjali.

»illi, minkejja l-istess ittra uffiċjali, debitament notifikata lir-rikorrenti fit-30 t'April 2008, l-istess rikorrenti baqgħu inadempjenti fil-ħlas u għalhekk il-bank kellu jistitwixxi il-proċeduri tas-*sub hasta* fis-26 ta' Novembru 2009, u *cioè* sena u nofs wara n-notifika ta' dawn l-ittri uffiċjali, dejjem bl-isperanza tal-bank illi jagħti addirittura aktar żmien lill-istess rikorrenti. Kien dan infatti illi wassal għall-bejgħ *sub hasta*, u *cioè* in-nuqqas ta' ħlas mis-sena 2006 sas-sena 2009, u mhux l-ordni tal-iffriżar, kif jipprovaw jipprospettaw ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri.

»(ii) illi ta' min isemmi illi minkejja li ħarġet l-ordni tal-iffriżar, fl-24 ta' Settembru 2009 ir-rikorrenti għażlu li ma jagħmlu xejn biex iwaqqfu l-proċeduri tas-*sub hasta*, ħlief li jippreżentaw nota li fiha indikaw illi teżisti din l-ordni tal-iffriżar. Malli però sar il-bejgħ *sub hasta*, fit-23 ta' Marzu 2010, ir-rikorrenti bdew proċeduri quddiem din l-onorabbli qorti, fis-sede ordinarja tagħha, sabiex jattakkaw il-bejgħ *sub hasta*, liema

proċeduri ġew konklużi permezz tas-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015, surriferita, fejn kemm din l-onorabbli qorti kif ukoll l-onorabbli Qorti tal-Appell ċaħdu t-talbiet tar-rikorrenti, għaliex kien ċar u manifest illi bejgħ *sub hasta* ma jikkwalifikax għal tras-feriment ta' proprjetà da parti tal-konjugi Micallef, imma *invece* kien bejgħ miżmum taħt l-awtorità tal-qorti.

»illi l-esponent għalhekk umilment tissottometti illi mhux minnu illi l-bejgħ *sub hasta* seħħ għaliex ir-rikorrenti kienu fl-impossibiltà li jit-trasferixxu l-proprjetà tagħhom, imma għaliex, sa meta ġie ippreżentat l-istess rikors għall-bejgħ *sub hasta*, il-konvenuti baqgħu għal snin sħaħ ma jħallsux id-debitu tagħhom lejn il-bank *sic et simpliciter*. Li inċidentalment ħarġet ordni tal-iffriżar kontra l-istess konvenut fl-24 ta' Settembru 2009 hija pura inċidenza u huwa fatt purament inċidentali *vis-à-vis* il-proċeduri illi kien qed jieħu l-bank kontra ir-rikorrenti, u ir-rikorrenti ma jistgħux, bl-iskuża tal-ordni tal-iffriżar, iwaqqfu proċeduri esekuttivi neċessitati minħabba n-nuqqas ta' ħlas tagħhom tad-debitu versu l-bank.

»(4) illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jillanjaw minn nuqqas ta' smigħ xieraq f'din il-kawża, *stante* illi dak kollu illi qed isemmu f'dawn il-proċeduri ġie epurat fil-proċeduri li ħadu l-istess rikorrenti fil-kawża ġà msemmija (ċitazzjoni numru 370/2010) u mhux talli intavolaw kawża, imma addirittura intavolaw appell, u għalhekk kellhom kull opportunità r-rikorrenti li jivventilaw il-lanjanza tagħhom fis-sens li l-proċeduri tas-*sub hasta* ma kellhomx, skont huma, iseħħu meta jkun hemm ordni ta' iffriżar.

»(5) illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, ir-rikorrenti ma jistgħux anqas jillanjaw illi ġie vjolat id-dritt ta' tgawdija ta' proprjetà tagħhom, kif protett bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex l-irkant kien wieħed ritwali u sar fi proċeduri normali u neċessitari f'soċjetà demokratika u assolutament ma kien hemm l-ebda piż sproporzjonat kif qed isemmu ir-rikorrenti. Fl-umli sotto-missjoni tal-esponenti, ir-rikorrenti, *invece*, dak illi jixtiequ hu li, kemm bil-proċeduri illi ġà intentaw biċ-ċitazzjoni 370/2010, b'nuqqas ta' suċċess, kif tixhed is-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015, kif ukoll b'dawn il-proċeduri, huma jibqgħu jiddetjenu proprjetà illi hija tal-bank u li ilha tal-bank sa mis-sena 2010, b'danni konsegwenzjali għall-istess bank u dan għaliex huma ben konsapevoli illi l-istat finanzjarju tagħhom, tal-inqas dak illi jidher mir-Reġistru Pubbliku, mhuwiex wieħed fejn ir-rikorrenti tista' tasserixxi u tirkupra d-danni li qed issoffri minħabba l-aġir illegali u abbużiv tal-istess rikorrenti. Ta' min isemmi, per eżempju, illi tant ir-rikorrenti ma jistgħux jingħadu illi huma *in buona fede*, illi mhux biss id-dar fejn jirrisjedu ma jridux illi jitilqu minn idejhom, imma l-anqas għalqa, illi ċertament ma' jistgħux jgħidu illi din hija neċessità għall-għexien tagħhom. Din l-għalqa ukoll ġiet liberata flimkien mar-residenza tar-rikorrenti fil-bejgħ *sub hasta* tat-23 ta' Marzu 2010, u sal-lum ir-rikorrenti għażlu illi jattakkaw il-proċeduri ta' żgumbrament anke fir-rigward tal-istess għalqa.

»illi, jiġi għalhekk umilment sottomess, huwa l-esponent bank illi qed jiġi menomat u preġudikat fid-drittijiet proprjetarji tiegħu u mhux bl-invers. Dan minbarra il-fatt, li kif jirriżulta mill-atti tal-kwża 370/2010, wara l-imsemmija *sub hasta*, il-bank baqa' kreditur tal-istess rikorrenti

f'somom sostanzjali ta' flus, Illi, jiġi umilment sottomess, mhuwiex korrett illi jsir dan it-tip ta' użu mill-proċeduri ġudizzjarji, partikolarment proċeduri kostituzzjonali, u dan bl-uniku skop illi debituri jibqgħu iżommu proprjetà li mhix tagħhom għal numru ta' snin bi preġudizzju serju għall-kreditur li jkun fdahom bi flusu. L-esponenti hawn iżżid illi, flimkien ma' dan ir-rikors kostituzzjonali, l-istess rikorrenti ippreżentaw protest ġudizzjarju fejn qegħdin jissottomettu illi, pendenti dawn il-proċeduri, ma għandhomx jiġu żgumbrati mill-proprjetà li ilha proprjetà tal-bank mis-sena 2010 u jibqgħu iżommu tali proprjetà mingħajr ebda titolu ta' xejn. L-esponenti qiegħda hawn tippreżenta kopja tal-protest biex tindika biċ-ċar illi dawn il-proċeduri saru biss wara illi l-esponenti bagħtet ittra fil-5 ta' Awissu 2015 u talbet lura il-proprjetà lir-rikorrenti in segwitu għas-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell fuq imsemmija. Ir-risposta tar-rikorrenti għall-ittra tal-bank tal-5 ta' Awissu 2015 kienet li jintavolaw dawn il-proċeduri u jinterpellaw lill-esponenti biex tieqaf milli tkompli bl-iżgumbrament sakemm tiġi deċiża din l-kawża minn din l-onorabbli qorti u anke addirittura mill-onorabbli Qorti tal-Appell wara s-sentenza ta' din l-onorabbli qorti.

»(6) illi, bir-rispett kollu dovut, ikun xi jkun l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar il-*money laundering* li bih qed jiġi akkużat ir-rikorrent, sew f'każ ta' sejba ta' ħtija kif ukoll f'każ ta' liberazzjoni, il-fatt jibqa' illi sad-data meta li nbdew il-proċeduri *sub hasta* r-rikorrenti baqgħu għal snin sħaħ inadempjenti fil-ħlas lejn il-bank, u kienet din ir-raġuni esklussiva għalfejn saru il-proċeduri *sub hasta*.

»Għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti umilment tissottometti, illi ir-rikors kostituzzjonali odjern għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti.«

5. L-Avukat Ġenerali ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»(1.1) illi in linea preliminari, jidher li l-vertenza odjerna hija *res judicata* in kwantu l-mertu odjern jikkonċerna vertenza ċivili bejn ir-rikorrenti odjerni u l-bank intimat dwar titolu eżekuttiv li l-istess bank ottjena skont il-liġi; liema deċiżjoni finali ingħatat mill-onorabbli Qorti tal-Appell Ċivili fid-29 ta' Mejju 2015. Illi effettivament jidher li r-rikors odjern jikkostitwixxi sempliċement ir-riproponiment tal-istess kwistjoni deċiża mill-qrati kompetenti;

»(1.2) illi in linea preliminari ukoll, din l-onorabbli qorti għandha jogħġobha tiddeklina milli tkompli tisma' l-azzjoni odjerna *ai termini* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 *stante* li din l-onorabbli qorti fil-mansjoni straordinarja u kostituzzjonali tagħha ma tiddeċiedix kwistjonijiet taħt il-liġi ordinarja u lanqas ma tiddeċiedi jekk qrati oħra applikawx il-liġi ordinarja korrettement jew le;

»(1.3) illi in linea preliminari ukoll, l-esponent jirrileva li għandhom jiġu allegati l-atti tal-proċeduri ċivili li saret referenza għalihom bejn l-istess partijiet fl-ismijiet <u>Saviour u Antoinette konjugi Micallef *v Bank of Valletta plc*</u> (app. ċiv. 370/2010) deċiżi fid-29 ta' Mejju 2015;

»(2) illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimat jopponi t-talbiet kif avvanzati fir-rikors promotur *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jirrileva li fiċ-

ċirkostanzi odjerni ma seħħ l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u / jew tal-artikolu 6 u / jew tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan għas-segwenti motivi li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

»(2.1) illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jiċħad li ċ-ċirkostanzi odjerni b'xi mod jivvjolaw l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan għas-segwenti raġunijiet:

»(i) illi għandu jingħad li dan l-artikolu jippresupponi li jkun hemm teħid forzuz tal-proprjetà u li ma jkunx hemm kumpens xieraq. Fil-każ mertu tal-vertenza odjerna, jirriżulta mid-deċiżjoni tal-onorabbli Qorti tal-Appell Ċivili datata 29 ta' Mejju 2015, li ġew intavolati proċeduri ċivili *da parte* tar-rikorrenti fil-konfront tal-bank intimat u jirriżulta li għal-kemm ir-rikorrenti kellhom kull opportunità li jirribattu l-posizzjoni tagħhom, anke fl-istadju tal-appell, l-eżitu ta' dawk il-proċeduri kien li l-onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet li r-rikorrenti odjerni ma kellhomx raġun skont il-liġi;

»(ii) illi l-esponent jirribatti li għalhekk mill-imsemmija deċiżjoni jidher li l-fatti ta' dan il-każ ma jippreżentaw ebda apparenza ta' teħid forzuz ta' proprjetà da parte tal-istat; liema fatti fil-mertu jikkonċernaw speċifikatament il-bejgħ *sub hasta* in eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv ottjenut mill-istess bank intimat – ħaġa li ma taqax fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u / jew tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u li, fi kwalunkwe każ, hija koperta bħala ħaġa legalment valida skont l-istess artikolu 1 tal-Ewwel Prokoll;

»(iii) *di più*, fil-każ odjern lanqas ma wieħed jista' jitkellem dwar teħid ta' proprjetà mingħajr kumpens anke minħabba l-fatt li mir-rikavat tal-bejgħ *sub hasta* tal-proprjetajiet tar-rikorrenti, huma *del resto* se jonoraw l-obbligu legali li għandhom mal-bank intimat u għalhekk huma m'humiex se jibqgħu midjunin lejn il-kontroparti għall-ammont ta' dik l-obbligazzjoni;

»(iv) għalhekk, l-esponent jissottometti li l-interpretazzjoni li r-rikorrenti qed jagħtu tal-kwadru tal-fatti li l-ordni tas-*sub hasta* b'xi mod qed jilledi d-drittijiet fundamentali għad-dritt tal-paċifiku pussess tal-proprjetà tagħhom hija skorretta;

»(3) illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, l-esponent jiċħad li ċ-ċirkostanzi odjerni b'xi mod jivvjolaw l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan *in vista* tal-fatt, li kif ingħad aktar 'il fuq f'din ir-risposta, jidher li r-rikorrenti qed jittentaw din l-azzjoni taħt forma ta' *terzo appello* mill-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Ċivili, li illum hija *res judicata*. Għalhekk ċertament ma jistax jingħad li r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunità li jagħmlu l-każ tagħhom u jiddefendu l-posizzjoni tagħhom anke fl-istadju tal-appell. Fil-fatt, ma hemm xejn fir-rikors promotur li jindika li waqt il-proċeduri quddiem il-Qrati kompetenti r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunitajiet li jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet relattivi tagħhom u *cioè* li ma ngħatawx smigħ xieraq u / jew li l-qrati konċernati li semgħu u iddeterminaw l-vertenza ta' bejn l-partijiet fil-kawża ma kinux indipendenti u imparzjali u / jew li l-istess qrati iddeċidew b'mod irraġonevoli u mhux skont id-dettami tal-liġi. *Inoltre*, l-esponent jirribatti li r-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li jitolbu kumpens xieraq għall-proprjetajiet tagħhom li ġew maqbudin b'ordni

tal-qorti kompetenti preċiesament minħabba l-inadempjenza tagħhom stess mal-obbligi kontrattwali li daħlu għalihom volontarjament mal-bank intimat;

»(4) illi għalhekk, għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponent jirrileva li l-ebda danni m'huma dovuti lir-rikorrenti, però, *dato ma non concesso* li din l-onorabbli qorti jidrilha li fiċ-ċirkostanzi odjerni kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fl-umli fehma tal-esponent dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti.«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

»tirrespinġi wkoll it-tliet (3) eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat Avukat Ġenerali;

»takkolji r-risposti inoltrati mill-bank intimat;

»takkolji wkoll l-eċċezzjonijiet numru tnejn (2) u tlieta (3) sollevati fil-mertu mill-intimat Avukat Ġenerali;

»illi *in vista* tal-premess tiddikjara li m'hemm xejn x'jingħad dwar ir-raba' (4) eċċezzjoni sollevata mill-istess intimat Avukat Ġenerali;

»bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, safejn huma rilevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»… … …

»Il-Mertu:

»… … … imiss issa li jiġi analizzat il-mertu tal-proċedura odjerna;

»illi essenzjalment dan jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li, bl-ordni ta' iffriżar li l-proprjetajiet in kwistjoni kienu kolpiti bih, il-bejgħ sussegwenti *sub hasta* tal-istess, ikkonfermat bis-sentenzi in prim' u in sekonda istanza kif fuq riferit, kien jammonta għal interferenza fid-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà;

»illi għalhekk ġew leżi d-drittijiet tagħhom kif sanċiti: 1. fl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni; 2. fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni; u 3. fl-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

»Ikkunsidrat:

»A. L-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni:

»… … …

»illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet <u>Neil Carter u martu Susan, għal kwalsijasi</u>

interess li jista' jkollha *v.* L-Onorevoli Prim Ministru *et*, datata t-30 ta' Novembru 2011, li f'dan ir-rigward sosstniet is-segwenti:

> »"Illi l-provvedimenti tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-teħid ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjetà jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għamil tal-istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-istess proprjetà bħala rifless ta' għemil bħal dak";

»illi għandu wkoll jirriżulta paċifiku li oltre s-suespost tkun seħħet leżjoni tal-artiklu tal-Kostituzzjoni in diżamina kemm-il darba it-teħid tal-pussess tal-proprjeta' in diżamina ma jkunx akkumpanjat bi ħlas ta' kumpens xieraq;

»illi għalhekk, kemm-il darba teħid in diżamina ma jkunx imħares statutorjament, u l-persuna involuta li tippretendi l-kumpens hemm indikat għat-teħid tal-istess proprjetà ma ssibx rimedju quddiem qorti, inkluż id-dritt t'appell, hawn ukoll ikun hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-istess artiklu 37 tal-Kostituzzjoni fuq riferit;

»Ikkunsidrat:

»illi minn eżami tal-fatti li irriżultaw f'din il-proċedura jirriżulta li l-aġir li minnu jilmentaw ir-rikorrenti effettivament ma seħħx b'effett dirett ta' xi għemil tal-istat;

»illi għalhekk għandu jkun paċifiku li l-artiklu in diżamina mhux applikabbli;

»illi *in vista* tal-premess għandha għalhekk tiġi akkolta l-ewwel (1) eċċezzjoni fil-mertu tal-bank intimat, flimkien mat-tieni (2) eċċezzjoni fil-mertu sollevata mill-intimat Avukat Ġenerali;

»Ikkunsidrat:

»B. L-artiklu 6 tal-Konvenzjoni:

»… … …

»illi permezz li sar il-bejgħ bl-irkant tal-proprjetà tagħhom, ir-rikorrenti qed jippremettu li ġe leż l-imsemmi artiklu tal-Konvenzjoni fil-konfront tagħhom;

»illi jirriżulta paċifiku li r-rikorrenti kellhom id-debitu kospikwu fuq indikat favur il-bank intimat;

»illi irriżulta debitament assodat li s-*sub hasta* li minnha jilmentaw ir-rikorrenti ġiet esegwita unikament: wara diversi snin li l-istess rikorrenti damu jeludu l-esekuzzjoni ta' dan l-obbligu tagħhom fir-rigward, u unikament biex tagħmel tajjeb għall-istess debitu li huma akkumulaw matul l-istess snin fil-konfront tal-bank intimat;

»illi jiġi sottolineat li l-istess rikorrenti kienu ngħataw faċilitajiet bankarji sa mill-1996;

»illi irriżulta li wara li r-rikorrenti waqgħu serjament lura fil-pagamenti minnhom dovuti lill-bank intimat, kien biss fl-2006 li finalment ikkostitwew ruħhom veri, ċerti, u likwidi debituri tal-istess bank;

»illi kien ukoll biss fit-23 t'April 2008 li l-bank intimat irreaġixxa u intavola l-ittra uffiċjali numru 1151/2008 biex jirrendi l-istess debitu eżekuttiv;

»illi kien biss wara li kienu eżawriti l-proċeduri ġudizzjarji ċivili appożiti li finalment wassal biex il-proprjetajiet tar-rikorrenti jinbiegħu bil-proċedura tas-*sub hasta*;

»illi kien biss f'dan l-istadju li r-rikorrenti irreaġixxew iżda l-lanjanzi tagħhom ġew respinti l-ewwel b'sentenza in prim'istanza datata l-4 t'Ottubru 2011, u in appell b'sentenza datata d-29 ta' Mejju 2015;

»illi *di più* jiġi wkoll sottolineat li nonostante l-allegazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-Kap. hawn in diżamina, eżami akkurat tar-riżultanzi mressqa fil-proċedura odjerna jindikaw li fil-fatt l-istess rikorrenti ma ressqu l-ebda prova in sostenn tal-istess allegazzjoni tagħhom;

»illi għalhekk ir-rikorrenti naqsu jippruvaw li huma ma kellhomx smigħ xieraq fil-proċeduri quddiem il-qorti li ordnat il-bejgħ tal-proprjetà tagħhom *sub hasta*;

»illi *in vista* tal-premess, jirriżulta assodat li, għal kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, ġie debitament ipprovat li l-proċeduri kondotti mill-bank intimat fil-konfront tal-proċeduri tas-*sub hasta* minnu kondotti kontra r-rikorrenti odjerni ttieħdu regolarment abbażi tal-liġi in diżamina minħabba n-nuqqas ta' ħlas tal-ammonti lilu dovuti mir-rikorrenti li kienu ilhom allura jakkumulaw diversi snin;

»illi konsegwentement, il-lanjanza tar-rikorrenti li kien hemm vjolazz-joni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tagħhom ma tirriżultax ippruvata *stante* li ma ġiet ippruvata l-ebda illegalità fil-proċeduri tas-*sub hasta* numru 82/2009 jew fl-azzjoni ċivili intrapriża mill-istess rikorrenti kontra l-bank intimat permezz taċ-ċitazzjoni numru 370/2010 li għaddiet in ġudikat wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Mejju 2015, fuq ġà riferita;

»illi konsegwentement din it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta;

»Ikkunsidrat:

»Ċ. L-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:

»… … …

»illi fil-każ in diżamina jirriżulta paċifiku li s-saga in diżamina li ilha issa tiżviluppa mill-1996 hi naxxenti minn debitu kospikwu li r-rikorrenti akkumulaw maż-żmien favur il-bank intimat;

»illi għalhekk fil-każ in diżamina l-ġustifikazzjoni speċifikata fl-artiklu … tirriżulta abbundantement assodata;

»illi jirriżulta paċifiku li l-proċedura tas-*sub hasta* addottata mill-bank intimat fil-konfront tar-rikorrenti ttieħdet unikament biex tagħmel tajjeb għad-dejn akkumulat mir-rikorrenti li wasal fl-istadju li tant ikun inkontrollabbli li qatt ma seta' jiġi saldat mill-istess rikorrenti;

»illi l-aħħar trunċiera biex il-bank intimat jissalvagwarda l-interessi tiegħu kienu biss iż-żewġ proprjetajiet li r-rikorrenti kien għad kellhom, li bihom setgħu jagħmlu tajjeb għad-dejn minnhom akkumulat;

»illi kien għalhekk minħabba l-intransiġenza tal-intimati li l-istess bank intimat kien kostrett jintavola l-proċedura tal-bejgħ bl-irkant *stante* li din kienet l-aħħar opportunità li kien baqagħlu biex jirkupra l-ammonti li

kien sellef lir-rikorrenti u li tagħhom dawn baqgħu jippreżentaw kull tip t'ostaklu biex jirrifondu l-istess skont il-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu minnhom konklużi favur il-bank intimat;

»illi għalhekk il-proċedura in diżamina intrapriża mill-bank intimat biex leġittimament jitutela l-interessi tiegħu skont il-liġi hi waħda leġittima u ġustifikata, u ma tistax ħlief li tkun avallata minn din il-qorti;

»illi d-dejn li r-rikorrenti akkumulaw kien jeċċedi l-€500,000, u konsegwentement kien ferm akbar mill-valur tal-proprjetà in diżamina li inbigħet *sub hasta* wara offerta *animo compensandi* tal-bank intimat komplessivament ammontanti għal €283,000;

»illi minkejja s-suespost ir-rikorrenti għad għandhom jagħtu l-ammont ta' €378,450.14 lill-bank intimat;

»illi *di più*, *nonostante* l-lanjanza tagħhom hawn eżaminata r-rikorrenti ma ipprovawx li minkejja kollox huma ġarrbu xi piż eċċessiv u sproporzjonat ħlief dak li ġabu huma stess b'idejhom;

»illi konsegwentement, anke din it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta;

»Ikkunsidrat:

»illi finalment jonqos issa biss li jiġu eżaminati l-aħħar żewġ lanjanzi, senjatament: i. l-artiklu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta; u l-ordni tal-Iffriżar;

»Ikkunsidrat:

»A. L-artiklu 5 tal-Kap 373 (Ħasil ta' Flus):

»illi l-artiklu 5(1)(*b*) tal-Kap. in diżamina jistabbilixxi s-segwenti:

> »"Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –
>
> »"li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'raħan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli";

»illi ssir ukoll referenza għall-artiklu 5(1)(*b*)(*a*) tal-istess Kap. li jistabbilixxi s-segwenti:

> »"Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –
>
> »"tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri *bona fide* u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni";

»illi għandu jkun paċifiku li l-ordni ta' iffriżar rilaxxat fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Maġistrati kompetenti kellha ovvjament l-effett li r-rikorrenti Saviour Micallef fil-konfront ta' min kienet indirizzata ma seta jitrasferixxi l-ebda proprjetà mobbli jew immobbli li seta' kellu;

»illi għalhekk anke din l-ordni ta' iffriżar, rilaxxata kif kienet *ai termini* tal-ariklu 5 tal-Kap. 373 fuq riportat, mhix in vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fuq ġà eżaminat;

»Ikkunsidrat:

»B. L-Ordni tal-Iffriżar:

»illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostnu li kien proprju dan l-ordni li eventwalment wassal għall-bejgħ *sub hasta* tar-residenza u l-għalqa tar-rikorrenti;

»illi però l-bank intimat jikkontrobatti billi jsostni li s-sitwazzjoni ippreċiptat billi r-rikorrenti, waqt li akkumulaw somma sostanzjali ta' dejn fil-konfront tiegħu, kienu qed jippruvaw jeludu l-obbligi tagħhom li jħallsu l-ammont minnhom dovut;

»illi jirriżulta li l-ħruġ tal-ordni ta' iffriżar kontra l-intimat Saviour Micallef kien riżultat ta' proċeduri ta' natura kriminali indirizzati fil-konfront tiegħu u għalhekk indipendentement mill-proċedura naxxenti mid-dejn ċivili minnhu akkumulat;

»illi, in effetti, l-proċeduri dedotti mill-bank intimat kontra r-rikorrenti li eventwalment wasslu għall-bejgħ *sub hasta* in diżamina kienu riżultat tal-inadempiment tal-obbligi tar-rikorrenti li naqqsu għal snin sħaħ milli jippruvaw iħallsu lill-bank intimat l-ammont kospikwu ta' debitu minnhom akkumulat fil-konfront tiegħu;

»illi għalhekk jirriżulta paċifiku li s-*sub hasta* inizzjata mill-bank intimat hi proċedura, separata, indipendenti u differenti mill-ordni ta' iffriżar li hi ordni naxxenti mhux minn proċedura ta' natura ċivili bħas-*sub hasta de quo* iżda minn proċedura ta' natura kriminali u fdata f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati u mhux f'idejn il-bank intimat li għaliha hu kompletament estranju;

»illi jiġi sottolineat ukoll li l-ittra uffiċjali fuq riferita numru 1151/2008 tirriżulta li kienet ippreżentata mill-bank intimat fit-23 t'April 2008, u notifikata kemm lir-rikorrenti Saviour Micallef u lis-soċjetà *The Veg Point Limited*, mentri l-ordni ta' iffriżar maħruġ mill-qorti kompetenti fuq riferit, liema ordni hi ordni eżekuttiva – kien rilaxxat fid-9 ta' Settembru 2009, u allura wara d-data li fiha saret it-talba għall-bejgħ *sub hasta* tal-proprjetà *de quo* tar-rikorrenti mill-bank intimat, u għalhekk indipendentement mill-istess;

»illi, *di più*, jirriżulta paċifiku li kemm l-ordni ta' iffriżar kif ukoll l-ordni għall-bejgħ *sub hasta* tal-proprjetà tar-rikorrenti kienu ordnijiet li ħarġu wara talbiet leġittimi, u allura t-tnejn jirriżultaw li kienu skont il-liġi;

»illi għalhekk jiġi wkoll sottolineat li ż-żewġ ordnijiet hawn in diżamina inħarġu fil-limiti permissibbli mill-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fuq ġà eżaminat;

»illi konsegwentement, l-element tal-legalità hemm stabbilit jirriżulta li kien debitament sodisfatt;

»Ikkunsidrat:

»illi finalment jiġi wkoll ribadit li minn eżami tal-atti tas-*sub hasta* numru 82/2009 ma tirriżulta l-ebda illegalità;

»illi konsegwentement, tenut kont tas-suespost, jirriżulta li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw l-allegazzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-illegalità tal-istess minnhom emfasizzata, u għalhekk, it-talbiet tagħhom ma jimmeritawx is-sostenn ta' din il-qorti;

»Ikkunsidrat:

»illi jirriżulta paċifiku li ċ-ċirkostanzi fattwali riżultanti jinkwadraw perfettament fl-eċċezzjoni kontemplata fl-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fuq riprodotta *stante* li jirriżulta assodat li fl-operat tal-bank intimat hawn eżaminat intlaħaq bilanċ xieraq u ekwu bejn l-iskop li l-liġi qed tipproteġi u d-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu;

»Ikkunsidrat:

»illi għalhekk jirriżulta assodat li l-interferenza riskontrata fit-tgawdija tal-proprjetà tar-rikorrenti kienet waħda legali, naxxenti minn nuqqas tal-istess rikorrenti li jaġixxu fit-termini tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali minnhom espressament u liberament assunti;

»illi għalhekk l-azzjonijiet meħuda mill-bank intimat biex jipproteġi l-interessi leġittimi tiegħu kienu fil-limiti tal-espressjoni ta' skopijiet leġittimi u legali neċessarji f'soċjetà demokratika;

»illi s-sovranità tad-dritt qatt ma tista' tittollera abbuż finanzjarju li jilledi l-istitwuzjoni li tkun wara kollox qed tgħin lil min temporanjament ikollu bżonn l-għajnuna tagħha;

»illi konsegwentement tali proċeduri intrapriżi mill-bank intimat jirriżultaw li kienu intiżi esklussivament biex jittutelaw id-drittijiet leġittimi tiegħu li wara kollox liberament issottometta għalihom l-istess rikorrenti Saviour Micallef;

»illi b'hekk il-miżuri hawn eżaminati li ttieħdu mill-bank intimat fil-limiti fuq delineati ma jammontawx għal intereferenza in vjolazzjoni tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fuq riferit;

»illi konsegwentement, anke din it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta;

»illi għalhekk ukoll, għandha tiġi akkolta il-ħames (5) eċċezzjoni tal-bank intimat.«

8. L-atturi appellaw b'rikors tat-23 ta' Marzu 2018 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fis-6 t'April 2018 u s-soċjetà konvenuta *Bank of Valletta p.l.c.* wieġbet fil-11 t'April 2018.

9. Il-qofol tal-appell huwa illi:

»… … … l-ewwel qorti naqset milli tapprezza l-effett li kellha l-*freezing order* fuq in-negozju tal-esponenti, bil-konsegwenza li waqa' lura fil-pagamenti u l-bank bigħ id-dar matrimonjali tiegħu u għalqa s-Siġġiewi; dan l-aġir wassal għall-vjolazzjonijiet lanjati; dawn iż-żewġ fatturi flimkien iġibu l-vjolazzjoni tal-artikolu u l-protezzjoni fuq invokata.«

10. Jingħad qabel xejn illi l-ilment tal-atturi jolqot l-validità tal-proċeduri għall-bejgħ *sub hasta* minħabba t-tkomplija tagħhom minkejja l-ordni ta' iffriżar; l-ilment ma huwiex dwar id-dewmien biex jiġi determinat jekk l-attur huwiex ħati tal-akkużi li wasslu għall-ħruġ tal-ordni. L-atturi stess jagħarfu dan meta fir-rikors tal-appell igħidu li "… l-

kwistjoni tat-tul tal-proċess … mhuwiex [*recte*, il-kwistjoni … mhijiex] il-mertu odjern”. L-argument milli jidher hu illi l-ordni ta' iffriżar żammhom milli jkomplu bl-attività kummerċjali tagħhom li jgħidu li kienet tippermettilhom jiġġeneraw flus biex iħallsu d-dejn mal-bank konvenut mingħajr il-ħtieġa tal-bejgħ *sub hasta* ta' ħwejjiġhom.

11. Ikomplu jfissru illi l-ewwel qorti “naqset li tapprezza l-konkatenazzjoni bejn l-effetti tal-*freezing order*, id-deċiżjoni deliberata tal-bank li jenforza fil-kuntest li kien, u naturalment dana dejjem meta l-proċeduri għadhom għaddejin”. Igħidu li dan kollu wassal “għat-tixjin tal-presunzjoni ta' innoċenza u ta' kull dritt ta' tgawdija tal-proprjetà”. Ikomplu jfissru dan l-argument tagħhom hekk:

> »... ... ... in-nuqqas tal-qorti li twaqqaf il-bejgħ u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015 jivvjolaw id-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possessjonijiet [*sic*], kif ukoll id-dritt tas-smigħ xieraq. L-aktar ħaġa faċli hija li wieħed jargumenta illi la darba il-*freezing order* ma pprojbitx trasferiment ordnat mill-qorti, allura kollox jieqaf hemm: dan ir-raġunament, huwa, bid-dovut rispett, perikoluż u fallaċi għaliex jinjora l-aspetti aktar fondamentali u l-kwadru aktar wiesa' tal-kuntest u ċ-ċirkostanzi.
>
> »Illi … l-esponenti jmorru lura għall-effetti tal-*freezing order*. Il-bank messu stenna l-kors tal-proċeduri u mhux aġixxa kif għamel. Peress illi l-impossibilità ta' ħlas u d-diffikoltà finanzjarja ġiet kreata mill-*freezing order*, dan ma kienx każ ta' *defaulting debtor* ordinarju. L-effett kumulat tal-azzjoni tal-Avukat Ġenerali li ħareġ il-freezing order u l-bank li kien pront jaġixxi, minkejja din, illi jbigħ *sub hasta*, fixklet lill-esponenti fit-tgawdija tal-proprjetà. Aktar u aktar, jekk potenzjalment dan jinstab ħati, jista' potenzjalment jiffaċċja sitwazzjoni l-assi prinċipali li kellu, dar matrimonjali u biċċa art is-Siġġiewi, issa nbigħu bil-mod li nbigħu, *cioè* ġeneralment sottovalutati għaliex mhux f'suq miftuħ u *at arm's length*, imma bejgħ forzuz; veru li kien hemm id-debitu lejn il-bank, iżda l-*freezing order* u l-aġir tal-bank, kemm wieħed irid biex jipproteġi l-interessi tiegħu, ivvjolaw il-garanziji.
>
> »Illi ma kien hemm ebda raġuni leġittima li tiġġustifika tali aġir: ma ngħatat ebda spjegazzjoni għaliex l-esponenti ħallew jitilfu mija u tmienja u tmenin elf Euro (€188,000) fuq garanzija bankarja għaliex ma sabux l-għajnuna meħtieġa mill-impjegati tal-bank; *inoltre* l-bank kien jaf illi kien hemm *freezing order* u li l-konsegwenza tagħha kienet illi l-esponenti ma setgħux iħallsu l-ammont misluf, għaliex in-negozju effettivament twaqqaf. Anqas ma seta' jipprova jirredimi lura l-proprjetà

akkwistata *animo compensandi*. Allura, fil-kuntest, ma nżammx dak il-bilanċ delikat bejn l-interessi tal-proprjetà tal-individwu u l-interess ġenerali.

»Illi lanqas ma ġie demostrat illi l-aġir tal-intimati, bl-effett kumulat tal-*freezing order*, id-diffikoltà fin-negozju u t-telf tal-proprjetà tal-esponenti, kien jaqa' fl-eċċezzjonijiet jew derogi tal-1 artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Dawn l-eċċezzjonijiet jipprovdu illi d-dritt ta' tgawdija paċifika tal-possessjonijiet [*sic*] ma:

> »"(shall) in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."

»Ma ġiex ippruvat illi tali aġir ma kien neċessarju [*sic*] fl-interess ġenerali, jew biex jiġbor taxxi jew penalitajiet oħra. Pjuttost, dak li joħroġ ċar ħafna huwa l-eċċess, l-isproporzjoni u n-nuqqas ta' xi neċessità ta' konsegwenzi simili – dan meta il-proċess penali kien u għadu pendenti. Dan allura jġib vjolazzjoni tad-dritt ta' protezzjoni ta' tgawdija ta' proprjetà u tal-possessjonijiet [*sic*].«

12. Dan l-argument huwa manifestament ħażin. L-atturi kienu waqgħu lura fil-ħlas tad-dejn minn ferm qabel id-9 ta' Settembru 2009 meta nħareġ l-ordni. Ġà fl-1 ta' Diċembru 2006[1] – meta sar kuntratt ta' għarfien ta' dejn bejn l-atturi u l-bank konvenut – l-atturi kienu ġà waqgħu lura. L-ordni ta' iffriżar li nħareġ wara ma setax kien il-kawża tan-nuqqas tal-atturi li jħallsu, li seħħ qabel. Ma hu minnu xejn dak li jgħidu l-atturi illi "d-diffikoltà finanzjarja ġiet kreata mill-*freezing order*".

13. Għall-bqija huwa minnu dak li jgħidu l-konvenuti illi l-fatt li hemm ordni ta' iffriżar ma jżommx lill-kreditur milli jħares id-drittijiet tiegħu bil-mezzi li tagħtih il-liġi, kemm għax il-liġi stess fil-*proviso* (*a*) tal-art. 5(1) tal-Att kontra l-*Money Laundering* [Kap. 373] tippermetti ħlas lil kredituri *bona fide* ta' djun li jkunu saru qabel il-ħruġ tal-ordni, u

[1] *Fol*. 18.

kemm għax mhux biss id-debituri iżda wkoll il-kredituri għandhom drittijiet fondamentli li jħarsu l-interessi patrimonjali taghom.

14. Tassew illi kemm l-ordni tal-iffriżar li nħareġ mill-qorti kontra l-attur fid-9 ta' Settembru 2009 kif ukoll il-bejgħ bl-irkant tal-beni tal-atturi joħolqu ndħil fil-jedd tal-atturi għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Madankollu, taħt id-disposizzjonijiet li jħarsu l-jedd ta' tgawdija tal-proprjetà, dak l-indħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd tas-sid jekk:

    i. ikun sar taħt qafas legali;

    ii. ikun sar għal-għan leġittimu; u

    iii. ikun inżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jitħarsu d-drittijiet fundamentali tas-sid.

15. L-ordni tal-iffriżar inħareġ minn qorti kompetenti bis-saħħa tal-art. 5 tal-Kap. 373 u tal-art. 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali. L-ordni għalhekk inħareġ taħt qafas legali.

16. Il-bejgħ *sub hasta* sar fuq ordni ta' qorti kompetenti taħt id-disposizzjonijiet relativi tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-atturi fittxew li jimpunjaw il-validità tal-bejgħ billi nqdew bid-dritt ta' aċċess għal qorti mhux biss tal-ewwel grad iżda wkoll fi grad ta' appell, u s-sentenza tad-29 ta' Mejju 2015 tal-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-validità tal-proċeduri li wasslu għall-bejgħ.

17. Ma jista' jkun hemm ebda dubju għalhekk illi kemm l-ordni ta' iffriżar u kemm il-bejgħ *sub hasta* saru taħt qafas legali.

18. Din il-qorti m'għandhiex dubju wkoll illi kemm l-ordni ta' iffriżar kif ukoll il-bejgħ *sub hasta* saru għal għan leġittimu.

19. L-ordni ta' iffriżar inħareġ bħala konsegwenza ta' suspett illi l-attur kien involut f'ħasil ta' flus, frodi, korruzzjoni, *trading in influence*, dikjarazzjonijiet foloz u akkużi oħra relatati mat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.[2] L-għan ewlieni li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar huwa sabiex min jagħmel reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza. Naturalment huwa għaqli u anzi meħtieġ illi l-ordni jinħareġ fil-bidu tal-proċeduri, bħala miżura kawtelatorja, sabiex ma jkunx hemm opportunità li l-flus jinħbew sakemm jinqatgħu l-proċeduri. L-ordni ta' ffriżar għalhekk inħareġ sabiex jiġi protett l-interess pubbliku u bħala miżura fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra l-ħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza. Ma hemmx dubju li dan huwa għan leġittimu.

20. Il-bejgħ *sub hasta* huwa maħsub biex debitur li ma jħallasx id-djun tiegħu ma jitħalliex ikompli jevadi d-drittijiet tal-kreditur, u dan ukoll huwa għan leġittimu għax, kif għidna, il-kredituri wkoll għandhom drittijiet leġittimi x'jitħarsu.

21. L-ordni ta' iffriżar iżżomm ukoll bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jitħarsu d-drittijiet u l-interess tas-sid. Kif osservat din il-qorti fil-każ ta' George Tabone *et v.* L-Avukat Ġenerali[3]:

---

2 *Fol.* 81.
3 5 ta' Ottubru 2018.

»15. … il-Kap. 373 stess jaħseb għal sitwazzjonijiet bħal dawk imsemmija mill-atturi fl-ewwel aggravju tagħhom fejn il-persuna akkużata, soġġetta għall-ordni, tista' ġġarrab telf u danni għax, minħabba l-ordni, tonqos mill-tħallas kredituri *bona fide*. Biex l-akkużat ma jġarrabx tbatija żejda u li tista' tkun evitata f'ċirkostanzi bħal dawk, l-art. 5(1) tal-Kap. 373 jipprovdi mhux biss illi l-akkużat jista' jieħu, mill-beni sekwestrati, sa tlittax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena ... iżda wkoll illi:

»"... ... ... il-qorti tista' barra minn dan –

»"(*a*) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri *bona fide* u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u

»"(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli."

»16. Din id-disposizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarbx ħsara u tbatija safejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħrup ta' ordni ta' sekwestru.

»17. L-atturi ma nqdewx bil-possibilità ta' rimedju li jagħtihom il-*proviso* għall-art. 5(1) miġjub fuq … L-eżistenza ta' dan ir-rimedju iżda, għalkemm l-atturi ma nqdewx bih, huwa biżżejjed biex juri illi hemm mekkaniżmu fil-Kap. 373 stess biex jintlaħaq il-bilanċ u l-proporzjon li jridu l-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali.

»18. ... ... ... Li qiegħda tgħid il-qorti hu illi l-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjetà kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjon-ata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra l-ħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza.«

22. Il-jedd ta' kreditur li jfittex li jitħallas billi jbigħ il-proprjetà tad-debitur ukoll joħloq bilanċ ġust u proporzjonat. Anzi, dak il-proporzjon jiġi nieqes jekk il-kreditur ma jkollux dak il-jedd, u jkompli jiċċaħħad minn dak li jmiss lilu waqt li d-debitur ikompli jgawdi dak li jmiss lill-kreditur. Il-liġi li tirregola l-proċedura tal-bejgħ toħloq mekkaniżmi li jħarsu kemm l-interess tad-debitur li ħwejġu ma jinbigħux bi prezz aktar baxx milli xieraq kif ukoll l-interess tal-kreditur illi l-bejgħ effett-ivament iseħħ, u kollox isir taħt il-ħarsien ta' qorti indipendenti u imparzjali.

23. Dan kollu qiegħed jingħad *ex abundanti* ladarba, kif ġà ntqal[4], il-ħruġ tal-ordni ta' iffriżar b'ebda mod ma jista' jitqies li huwa l-kawża tan-nuqqas tal-atturi li jħallsu d-dejn tagħhom. Il-qorti għalhekk ma tara li kien hemm ebda ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni jew tal-art. 6 tal-Ewwel Protokoll.

24. Fir-rikors tal-appell l-atturi jgħidu wkoll illi ma ngħatawx smigħ xieraq, u jfissru l-argument tagħhom hekk:

> »Illi fuq din is-sitwazzjoni l-esponenti ma kellu ebda tort jew responsabilità. L-awtoritajiet iddeċidew joħorġu *freezing order* u l-proċeduri ħadu ż-żmien li ħadu. Dan allura jwassal għall-ewwel vjolazzjoni lanjata, *cioè* il-presunzjoni ta' l-innoċenza protetta mill-art. 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u art. 39(5) tal-Kostituzzjoni. Fis-sostanza, l-esponenti ġie trattat qisu instab ħati diġà. L-effett tal-*freezing order* kien talment devastanti fuq in-negozju tal-esponenti, illi dan tilef kull benefiċċju mill-presunzjoni tal-innoċenza. Ma hemm ebda ġustifikazzjoni ta' raġonevolezza, proporzjonalità jew neċessità f'soċjetà demokratika – ebda minn dan ma ġiet murija. Jekk l-Avukat Ġenerali dehrlu illi kellu joħroġ *freezing order* u jipparalizza b'dan il-mod il-ħajja u n-negozju tal-appellanti, hemm ċerti konsegwenzi. L-ewwel waħda hi illi l-esponenti ġie totalment imċaħħad mill-presunzjoni li huwa innoċenti.
>
> »Illi l-esponenti jagħraf ukoll illi l-art. 39(5) tal-Kostituzzjoni (ma jidher illi hemm ebda disposizzjoni analoga fil-Konvenzjoni) tipprovdi illi liġi tista' titfa' l-oneru ta' prova fuq parti akkużata li tipprova ċerti fatti. Dan huwa, fil-kuntest, totalment irrelevanti, għaliex hawn anqas bdiet tagħmel il-provi il-prosekuzzjoni. L-esponenti tirreferi għax-xiehda ta' illum Assistent Kummissarju Ian Abdilla, fejn spjega f'xiehda quddiem il-qorti tad-9 ta' Ottubru 2015 illi mill-2009 il-proċeduri kienu għadhom stadju ta' provi ta' prosekuzzjoni. L-esponenti jagħmlu ukoll riferenza għall-*affidavit* ta' Antoinette Micallef fejn din spjegat l-effett illi kellu l-*freezing order* fuq in-negozju u r-rikorrenti u l-familja tagħhom u l-konsegwenti deteriorazzjoni kemm tas-sitwazzjoni finanzjarja kif ukoll tan-negozju. A skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti jissottomettu illi din hija vjolazzjoni awtonoma tad-dritt ta' presunzjoni ta' innoċenza fi ħdan is-smigħ xieraq protetti;
>
> »… … …
>
> »Illi fl-aħħar mill-aħħar, fil-kuntest ta' *rule of law*, soċjetà demokratiku li tirrispetta d-drittijiet fondamentali, l-istat ma jistax jaħrab mill-konsegwenzi ta' aġir ta' xi organi tiegħu. Ma jistax l-Avukat Ġenerali jinvoka xi impunità mill-effetti tal-*freezing order*. Kien proprju neċessarju illi negozju u familja tinġieb għarkubbtejha mill-mod li nġabet? Kien proprju neċessarju illi l-bank b'mod frettoluż, imur għas-*sub*

---

4 Para. 12, *supra.*

*hasta*? Fejn kienu n-neċessità tal-interventi, il-bilanċ u l-proporzjonalità u l-inevitabilità tal-intervent b'dan il-mod?«

25. Jingħad qabel xejn i. illi l-proċeduri tallum huma dwar il-validità tal-bejgħ *sub hasta* u mhux tal-ordni ta' iffriżar; ii. illi l-atturi stess igħidu illi d-dewmien fil-proċeduri kriminali ma humiex il-meritu tal-kawża tallum[5]; u iii. illi f'kull każ l-ordni ta' iffriżar ma kellu ebda sehem fiċ-ċirkostanzi li wasslu biex l-atturi ma jħallsux id-dejn tagħhom u li, minħabba f'hekk, il-bank wasal biex ifittex il-bejgħ tal-proprjetà tal-atturi biex jitħallas. L-atturi kienu ġà waqgħu lura fil-ħlas u wrew li ma kinux sejrin iħallsu qabel ma nħareġ l-ordni. Strettament għalhekk, dan l-argument tal-atturi huwa irrelevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża.

26. Għall-kompletezza, iżda, jingħad illi l-ordni ta' iffriżar huwa miżura kawtelatorja u ma jagħmilx sens li jinħareġ biss wara sejbien ta' ħtija. Jista' xi ħadd serjament jemmen illi min, bħall-attur, ikun mixli b'reati ta' ħasil ta' flus sejjer ma jfittixx li jaħbi l-ġid tiegħu biex f'każ ta' sejbien ta' ħtija ma jitteħidlux? Dan ma jfissirx li hemm presunzjoni ta' ħtija; ifisser biss li ttieħdet miżura għaqlija għax min hu responsabbli għall-ħarsien tal-liġi ma huwiex ta' sebgħu f'ħalqu.

27. Naturalment, dan ma jfissirx illi l-proċeduri kriminali relativi ma għandhomx jitmexxew b'ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, u għalhekk jibqa' bla preġudizzju l-jedd tal-atturi li jfittxu rimedju jekk dawk il-proċeduriu ħadu żmien aktar milli xieraq. Iżda wkoll jekk huwa hekk, dan ma għandux relevanza għall-każ tallum ladarba, kif rajna, ma kienx l-ordni

[5] Para. 10, *supra.*

ta' iffriżar li wassal biex l-atturi ma jħallsux id-dejn tagħhom u biex il-kreditur, għalhekk, ifittex ir-rimedju leġittimu li tagħtih il-liġi.

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

29. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm